MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1103/2012

**Paul u Sabina konjuġi Sixsmith li b'digriet tal-14 ta' Novembru 2012 ġew nominati bħala kuraturi *ad litem* tal-minuri Alex Jessica Sixsmith**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-minuri Alex Jessica Sixsmith twieldet nhar il-4 ta' April tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u t-twelid tagħha ġie reġistrat b'att numru elf sitt mija tmienja u tmenin (1688) tas-sena elf disgħa mija sebgħa u disgħin (1997) u dan skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid

relattiv illi qed jiġi hawn anness, esebit u mmarkat bħala Dok A;

Illi għalekmm fl-imsemmi Att tat-Twelid l-imsemmija minuri ġiet reġistrata bl-isem ta' 'Alex Jessica', hija dejjem ġiet magħrufa u imsejħa mill-ħbieb, mill-familjari u mill-istess rikorrenti, fost oħrajn, bl-isem 'Alyx' u mhux 'Alex', u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi dan il-fatt huwa kkonfermat ukoll mill-prinċipal tal-iskola taż-żfin li tattendi l-minuri u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B, b'dan illi ulerjorment l-isem 'Alyx' huwa rifless ukoll f'diversi ċertifikati ta' korsijiet taż-żfin illi għalihom attendiet il-minuri u li qed jiġu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok C sa Dok F;

Illi anke l-iskola l-minuri dejjem ġiet magħrufa u msejħa bl-isem ta' 'Alyx' u dan kif ikkonfermat mill-Kap tal-iskola Sekondarja li tattendi l-istess minuri f'ittra datata 28 ta' Settembru 2012 li qed tiġi hawn, annessa, esebita u mmarkata bhala Dok G, b'dan illi ulterjorment il-*progress reports* skolastiċi tal-istess minuri wkoll jindikaw l-isem 'Alyx' u dan kif jirriżulta minn kopji tal-istess rapporti li qed jiġu hawn annessi, esebiti u mmarkati bħala Dok H sa Dok U;

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti jixtiequ li dan it-tibdil fl-isem jiġi rifless fl-att tat-twelid tal-minuri.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż billi tordna l-publikażżjoni tal-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara *a tenur* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li 'Alyx' u mhux 'Alex' huwa l-isem li l-minuri dejjem użat għaliha nnifisha u li hija kienet dejjem u konsistentement magħrufa bih;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi t-tielet kolonna tal-Att tat-Twelid Numru elf sitt mija tmienja u tmenin tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1688/1997) intitolata "Isem il-wild" u dan billi l-isem 'Alex' indikat fl-istess kolonna jiġi mibdul bl-isem ta' 'Alyx';

3. Tawtorizza u tordna, in vista tal-ewwel u t-tieni talba, kull modifika oħra, jekk ikun opportun, f'kull att tal-Istat Ċivili ieħor relattiv u sussegwenti, skond il-provvediment tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-27 ta' Novembru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, m'humiex biżżejjed biex jippruvaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Alyx kif hekk jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw

it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Alyx u mhux Alex;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Paul Sixsmith, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-atturi preżentati fl-1 ta' Frar 2013 fejn bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjoni u reġistrazzjoni tal-ismijiet, tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Jirriżulta li l-minuri rappreżentata mill-atturi dejjem issejħet u kitbet isimha bħala *Alyx* u mhux kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, u kwindi t-talba hija ġustifikata. Il-Qorti pero' ma tistax tordna t-tiswijiet f'dawk l-atti li ma ġewx indikati fir-rikors promotorju, u allura se tilqa' t-talbiet biss b'referenza għall-atti indikat. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-atturi għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż huma stess.

**DEĊIŻJONI**
**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet attriċi fir-rigward tal-atti msemmija fit-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju, iżda tiċħad it-tielet talba għar-raġuni ġja’ ndikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża joġu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------